MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 11/2010

Office Essentials Limited (C27900).

Vs

Dolphin Industrial Services Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ disa mija u sebghin Ewro u tmien centezmu (€970.08) minghand is-socjeta’ konvenuta, rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ diversi prodotti suppliti lis-socjeta’ konvenuta. U minkejja diversi interpellazzjonijiet is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi. Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 26 ta’ Novembru 2009, kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota tas-socjeta’ attrici li biha ddikjarat li s-sorte kollu kien thallas mis-socjeta’ konvenuta fil-mori tal-kawza.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza u l-imghaxijiet biss, u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ispejjes kollha tal-kawza u l-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------